# "ĠIŻIMIN LI QATT MA JIFTAĦ" TA' OLIVER FRIGGIERI

(*Hemm Art fil-Folja* paġna 85)

Is-Sa Shannon Fenech

# Introduzzjoni - Paġna 85

“Matul is-sigħat tal-iskola Toninu kien jgħaddi ħin twil iħażżeż, u l-aktar matul lezzjonijiet li kienu jdejquh. Ma setax jifhem għala kellu joqgħod attent għal kollox meta mhux kollox deherlu ħafif jew siewi. Seta' jobsor li kien għadu kmieni għalih biex jagħmel verdetti bħal dawn fuq l-iskola, li mill-bqija kien iħobbha ħafna għaliex kienet tlaqqgħu ma' tfal oħra u tgħaddilu l-ġranet bħallikieku xejn, minn xitwa sa sajf.”

- ✓ Min huwa l-katarattu preżenti fl-introduzzjoni tas-silta ?
- ✓ X’nistgħu ngħidu fuq l-ambjentazzjoni tas-silta?
- ✓ X’taħseb fuq il-burdata tas-silta minn dak li qrajt f’dan il-paragrafu?



# Tweġibiet:

✓ S'issa, il-karattru preżenti fl-introduzzjoni huwa l-protagonist Toninu, li għadu tifel.

✓ Is-silta hija ambjentata fl-iskola ta' Toninu.

✓ Il-burdata tas-silta hija waħda ta' sudisfazzjon għaliex fl-iskola kien jiltaqa' ma' ħafna ħafna tfal oħra. Mill-banda l-oħra xi suġġetti kien jarahom żejda u ma kienx iħoss li hemm użu għalihom.



# Paġna 87

**“Il-ħajja kollha hi mimlija eżamijiet, anzi hi mimlija bihom biss. Il-ħajja stess hi eżami."**

"Jiġifieri anki meta nispiċċa mill-iskola jibqa' jkolli l-eżamijiet?"

"Meta għad tispiċċa mill-iskola u teħles mill-eżamijiet tal-għalliema, **ikun wasal il-waqt li jibdewlek l-eżamijiet veri tal-ħajja."**

"Itqal jew eħfef, pa, dawk l-eżamijiet?" staqsieh mingħajr ma fehem x'ried jgħidlu missieru.

**"Itqal, ħafna itqal**. U meta teħel fihom mhux kulħadd se jintebaħ, u meta tgħaddi minnhom mhux kulħadd se jifraħlek u jippremjak.”

✓ X’emozzjonijiet qiegħed iħoss il-protagonist?

✓ X’messaġġ qiegħed jitwassal f’dan il-paragrafu?

✓ X’qed jirrappreżentaw l-eżamijiet tal-iskola f’sens aktar wiesa’?



## Tweġibiet:

1 Toninu qed jesperjenza diversi emozzjonijiet, fosthom:

✓ **Taħlita ta' emozzjonijet:** Toninu ma jarax il-bżonn ta' ċertu lezzjonijiet imma huwa kien jieħu gost imur l-iskola għaliex kien jiltaqa' ma' "tfal oħra".

✓ **Konfużjoni u Kurżità**: Toninu jidher li qed ifittex tifsira għaliex l-eżamijiet huma importanti, u jipprova jifhem l-argument ta' missieru. Minkejja dan, għadu mhux konvint minn din il-loġika.

2 Il-paragrafu qed iwassal il-messaġġ li l-eżamijiet huma parti inevitabbli mill-ħajja, u l-eżamijiet tal-iskola huma preparazzjoni għal dawk li jiġu wara matul ħajjitna.

# Attività:

F’pari, iddiskutu dawn l-elementi tal-għanqbuta.

1. Il-Ġeneru
2. Il-Protagonist
3. Il-Karattri Sekondarji
4. L-Ambjentazzjoni





# Il-Konklużjoni: Paġna 91

"Dażgur, Sir, il-ħmar ma jitkellimx," qalulu b'leħen wieħed.

"Il-ħmar jitkellem ... ”

"Jitkellem?" qatgħulu kliemu b'leħen wieħed ta' stagħġib serju.

"**L-ħmar jitkellem bil-lingwa tiegħu**, li tahielu Alla, u li bħal kull lingwa oħra nistgħu nifhmuha biss jekk nitgħallmuha. Id-dinja tagħna hi mimlija sinjali u rridu nitgħallmu narawhom u nifhmuhom. **Dik hi l-poeżija, uliedi, il-lezzioni li biha niftħu s-sensi tagħna kollha biex insibu s-sinjali.** Huma kollha s-sinjali tal-qalb. Bħal dak il-ħmar ta' xorti ħażina, hawn tfal li jkunu qegħdin jibku u ma nisimgħuhomx, u forsi nidħku bihom. Tinsewhiex din il-lezzioni, tfal. Din importanti ħafna, u mhix għall-eżami tal-iskola."

"**Għall-eżami tal-ħajja, Sir!**" qabeż Toninu b'leħen għoli. L-għalliem intlaqat minn dawn il-kelmiet, ħares fit-tul lein it-tifel, u staqsieh, "Min għallimhielek din l-espressjoni?"

"Missieri, Sir."

"Mela għandek missier li jħobbok ħafna, ruħi."

# Mistoqsijiet:

✓ X’taħseb fuq l-għeluq ta’ din is-silta?

✓ X’messaġġ qed jitwassal bir-rakkont tal-ħmar?

✓ X’relevanza hemm bejn ir-rakkont tal-ħmar u l-poeżija?



**Tweġibiet:**

1. L-għeluq ta' din is-silta huwa wieħed pożittiv u b'saħħtu għax jiftħilna għajnejna fuq in-nies u s-sitwazzjonijiet ta' madwarna.

2. Ir-rakkont tal-ħmar huwa metafora għall-esperjenzi tal-ħajja u kif il-bniedem jitgħallem jifhem u jinterpreta s-sinjali ta' madwaru. Il-ħmar ifakkarna li minkejja li ġieli se nsibu nies jidħku b'dak li nagħmlu m'għandniex għalfejn naqtgħu qalbna iżda nkomplu b'ħajjitna normali.

3. Il-ħmar normalment għandu konnotazzjoni negattiva. Madanakollu, l-għalliem juri lill-istudenti li l-ħmar jitkellem bil-lingwa tiegħu u li l-bniedem għandu jkun sensittiv u jifhem din il-lingwa. Hekk ukoll il-poeżija biex il-bniedem japprezzaha jrid jiftaħ is-sensi biex jifhem is-sinjali.

# Attività:

F'pari se taħdmu fuq it-tieni biċċa tal-għanqbuta. Se tiddiskutu t-taqsimiet l-oħra tagħha (*It-Tema* u *L-Emozzjonijiet*) u żżidu l-informazzjoni fil-vojt.



